# KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI MENGOZZI

ppreżentati fit-2 ta' Diċembru 2009[1]

## I — Introduzzjoni

1. Permezz ta' dan ir-rikors, ippreżentat fil-21 ta' April 2008, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej qed titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, billi żammet f'Portugal Telecom SGPS SA (iktar 'il quddiem "Portugal Telecom") drittijiet speċjali favur l-Istat u entitajiet pubbliċi oħra, mogħtija flimkien ma' azzjonijiet preferenzjali ("golden shares") tal-Istat f'Portugal Telecom, ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 56 KE u 43 KE.

## II — Il-kuntest ġuridiku

2. L-Artikolu 15(3) tal-liġi qafas dwar il-privatizzazzjonijiet (Lei Quadro das Privatizaçoes)[2] jipprovdi għall-possibbiltà li jinħolqu azzjonijiet preferenzjali bil-kliem li ġej:

"L-istrument leġiżlattiv imsemmi fl-Artikolu 4(1) (li japprova l-istatuti tal-impriża li ser tiġi pprivatizzata jew li ser tiġi ttrasformata f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata) jista' jipprovdi wkoll b'mod eċċezzjonali, meta raġunijiet ta' interess nazzjonali jeżiġu dan, għall-eżistenza ta' azzjonijiet preferenzjali intiżi biex jibqgħu proprjetà tal-Istat u li, indipendentement min-numru tagħhom, jagħtuh dritt ta' veto fuq l-emendi fl-istatuti u deċiżjonijiet oħra li jirrigwardaw qasam speċifiku, debitament iddefinit fl-istatuti."

3. L-Artikolu 20(1) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 44/95, tat-22 ta' Frar 1995, dwar l-ewwel fażi tal-privatizzazzjoni, jipprovdi:

"F'każ li l-istatuti ta' Portugal Telecom jipprovdu għall-eżistenza ta' azzjonijiet mogħnija bi drittijiet speċjali, minbarra azzjonijiet b'dividend prijoritarju, il-maġġoranza ta' dawn l-azzjonijiet għandhom ta' bilfors jinżammu mill-Istat jew minn azzjonisti pubbliċi oħra."

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.
2 — Liġi Nru 11/90, tal-5 ta' April 1990.

4. L-istatuti ta' Portugal Telecom, li hija kumpannija holding li tamministra holdings, jispeċifikaw, fl-Artikolu 4(2), li l-kapital azzjonarju huwa kompost minn 1 025 800 000 azzjonijiet ordinarji u 500 azzjoni tal-kategorija A.

5. Skont l-Artikolu 5 tal-istatuti ta' Portugal Telecom, il-maġġoranza tal-azzjonijiet tal-kategorija A għandhom jinżammu mill-Istat jew minn azzjonisti pubbliċi oħra u jġibu magħhom ċerti privileġġi fil-forma ta' drittijiet speċjali.

6. L-istatuti ta' Portugal Telecom jelenkaw dawn id-drittijiet speċjali kif ġej:

— mill-inqas terz tan-numru totali ta' amministraturi, inkluż il-president tal-bord tad-diretturi, għandhom jiġu eletti b'maġġoranza tal-voti mogħtija lill-azzjonisti li jaqgħu taħt il-kategorija A, jiġifieri bil-voti tal-Istat u tal-azzjonisti pubbliċi l-oħra;

— fost il-5 jew is-7 membri tal-kumitat eżekuttiv magħżul minn fost il-bord tad-diretturi, 1 jew 2 minn dawn il-membri rispettivament għandhom jiġu eletti bil-maġġoranza tal-voti mogħtija lill-azzjonijiet li jaqgħu taħt il-kategorija A;

— il-ħatra ta' mill-inqas wieħed mill-amministraturi eletti sabiex jieħu ħsieb speċifikament ċerti kwistjonijiet amministrattivi għandha tikseb il-maġġoranza tal-voti mogħtija lill-azzjonijiet li jaqgħu taħt il-kategorija A;

— l-ebda deċiżjoni tal-laqgħa ġenerali dwar is-suġġetti elenkati iktar 'il quddiem ma tista' tiġi approvata kontra l-maġġoranza tal-voti li jikkorrispondu għall-azzjonijiet tal-kategorija A:

 — l-allokazzjoni tal-bilanċ tas-sena finanzjarja,

 — l-emendi tal-istatuti u ż-żieda fil-kapital,

 — il-limitazzjoni jew it-tneħħija tad-dritt preferenzjali,

 — l-iffissar ta' kundizzjonijiet għaż-żieda fil-kapital,

 — il-ħruġ ta' obbligazzjonijiet jew titoli oħra u l-iffissar tal-valur ta' dawk li jista' jawtorizza l-bord tad-diretturi, kif ukoll il-limitazzjoni jew it-tneħħija tad-dritt preferenzjali meta jinħarġu obbligazzjonijiet li jistgħu jiġu kkonvertiti f'azzjonijiet u l-iffissar tal-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' obbligazzjonijiet ta' dan it-tip mill-bord tad-diretturi,

— it-trasferiment tal-uffiċċju rreġistrat f'post ieħor fit-territorju nazzjonali,

— l-approvazzjoni tal-akkwist ta' numru ta' azzjonijiet ordinarji li jaqbeż 10 % tal-kapital azzjonarju minn azzjonisti li jeżerċitaw attività li tikkompeti mal-attivitajiet eżerċitati minn kumpanniji kkontrollati minn Portugal Telecom, u

— barra minn hekk, il-maġġoranza tal-voti li jikkorrispondu għall-imsemmija azzjonijiet tkun neċessarja anki fir-rigward tad-deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-għanijiet ġenerali u tal-prinċipji fundamentali tal-politiki ta' Portugal Telecom kif ukoll id-definizzjoni tal-prinċipji ġenerali tal-politika fil-qasam tal-holdings f'kumpanniji jew fi gruppi, ta' akkwisti u ta' trasferimenti, fil-każ li teħtieġ l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-laqgħa ġenerali.

## III — Il-fatti li wasslu għall-kawża

7. Portugal Telecom, li ġiet ikkostitwita fl-1994, tirrappreżenta t-tmiem ta' proċess vast ta' ristrutturar tas-settur tat-telekomunikazzjonijiet Portugiżi. Dan il-proċess inbeda fl-1992, bit-trasformazzjoni f'kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata tal-impriża pubblika Correios e Telecommunicaçoes de Portugal u tkompla billi din il-kumpannija ma baqgħetx teżerċita attivitajiet ta' telekomunikazzjonijiet, li ngħaqdu fil-kumpannija awtonoma Telecom Portugal SA. Sussegwentement, fl-1994, diversi impriżi b'kapital sottoskritt kollu kemm hu mill-pubbliku, jiġifieri Telecom Portugal SA, Telefones de Lisboa e Porto SA u Teledifusora de Portugal SA ingħaqdu biex jikkostitwixxu Portugal Telecom.

8. Mill-1995, Portugal Telecom ġiet ipprivatizzata f'ħames fażijiet suċċessivi, fil-kuntest tas-sistema stabbilita mil-liġi qafas dwar il-privatizzazzjonijiet.

9. Fl-ewwel fażi, prevista mid-Digriet Leġiżlattiv Nru 44/95, ġie ċedut madwar 27 % tal-kapital azzjonarju.

10. Fit-tieni fażi, li żvolġiet bejn ix-xahar ta' April 1996 u x-xahar ta' Awwissu 1997, ġie ċedut madwar 22 % tal-kapital azzjonarju, u b'hekk, il-holding tal-Istat tnaqqas għal 51 % tal-kapital.

11. Fil-kuntest tat-tielet fażi, li bdiet fix-xahar ta' Awwissu 1997 u ntemmet fix-xahar ta' April 1999, inbiegħ holding addizzjonali ta' 26 % tal-kapital azzjonarju.

12. Mill-atti tal-proċess jirriżulta li r-Repubbliblika Portugiża baqgħet iżżomm il-maġġoranza tal-azzjonijiet ordinarji ta' Portugal Telecom sa tmiem is-sena 1997.

13. Fi tmiem ir-raba' fażi, ir-Repubblika Portugiża kompliet tnaqqas il-holding tagħha fil-kapital azzjonarju ta' Portugal Telecom b'13.5 % tal-azzjonijiet.

14. Fl-aħħar nett, fi tmiem il-ħames fażi ta' privatizzazzjoni, l-aħħar parti tal-holding pubbliku f'Portugal Telecom inbiegħet, bl-eċċezzjoni ta' 500 azzjoni mogħnija bi drittijiet speċjali (azzjonijiet tal-kategorija A) li nżammu mill-Istat.

## IV — Il-proċedura prekontenzjuża

15. Fid-19 ta' Diċembru 2005, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lir-Repubblika Portugiża li permezz tagħha akkużatha li ma wettqitx l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 56 KE u 43 KE, minħabba l-pussess mill-Istat u minn azzjonisti pubbliċi oħra ta' azzjonijiet preferenzjali mogħnija bi drittijiet speċjali fil-kapital azzjonarju ta' Portugal Telecom.

16. Il-Kummissjoni kkritikat lir-Repubblika Portugiża talli żammet azzjonijiet preferenzjali f'Portugal Telecom ("golden shares") kif ukoll talli stabbiliet dritt ta' veto tal-Istat għal kull holding li jaqbeż 10 % tal-kapital azzjonarju ta' Portugal Telecom mill-azzjonisti li jeżerċitaw attività li tikkompeti ma' dik ta' din il-kumpannija.

17. Peress li ma kinitx sodisfatta bit-tweġiba mogħtija mir-Repubblika Portugiża għall-ittra tagħha tal-21 ta' Frar 2006, il-Kummissjoni bagħtitilha opinjoni motivata fl-10 ta' April 2006.

18. Ir-Repubblika Portugiża wieġbet l-opinjoni motivata permezz ta' ittra tal-24 ta' Lulju 2006, billi kkontestat in-nuqqas allegat.

19. Peress li l-Kummissjoni kkunsidrat li r-Repubblika Portugiża ma kinitx adottat il-miżuri neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mal-opinjoni motivata, hija ddeċidiet li tippreżenta dan ir-rikors fil-21 ta' April 2008.

## V — It-talbiet tal-partijiet

20. Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tikkonstata li billi r-Repubblika Portugiża żammet f'Portugal Telecom drittijiet speċjali favur l-Istat u entitajiet pubbliċi oħra, mogħtija flimkien ma' azzjonijiet preferenzjali ("golden shares") tal-Istat f'Portugal Telecom, hija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 56 KE u 43 KE, u

— tikkundanna lir-Repubblika Portugiża għall-ispejjeż tal-istanza.

21. Ir-Repubblika Portugiża titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors, u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

## VI — Fuq in-nuqqas

A — *Fuq l-ammissibbiltà tar-rikors*

1. L-argumenti tal-partijiet

22. Fir-risposta tagħha, ir-Repubblika Portugiża ssostni li r-rikors huwa inammissibbli għal żewġ raġunijiet. L-ewwel nett, hija tqis li peress li fil-proċess il-Kummissjoni la ppreżentat it-testi regolamentari u lanqas l-istatuti ta' Portugal Telecom li jinkludu d-dispożizzjonijiet li jikkonkretizzaw in-nuqqas allegat, hija ma osservatx ir-regoli relatati mal-oneru tal-prova u, b'hekk, ma rnexxilhiex tipprova n-nuqqas li hija tallega. It-tieni nett, ir-Repubblika Portugiża ssostni li, fir-rikors tagħha, il-Kummissjoni estendiet is-suġġett tal-kawża, hekk kif iddefinit fil-fażi prekontenzjuża tal-proċedura, billi din l-istituzzjoni issa qed tallega l-eżistenza ta' setgħat speċjali oħrajn tal-Istat, jiġifieri dak li taħtar membru jew żewġ membri tal-kumitat eżekuttiv eventwalment magħżul minn fost il-bord tad-diretturi kif ukoll iż-żamma ta' dritt ta' veto fir-rigward ta' ċerti deċiżjonijiet strateġiċi, bħall-bejgħ ta' assi importanti, l-għaqda ma' kumpanniji oħrajn

u d-deċiżjonijiet li jinvolvu tibdil fil-proprjetà tal-impriża.

23. Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-allegazzjonijiet kollha.

2. Evalwazzjoni

24. Inqis li ż-żewġ eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà invokati mir-Repubblika Portugiża ma jistgħux jintlaqgħu.

25. Fir-rigward tal-allegat obbligu tal-Kummissjoni li tannetti t-testi leġiżlattivi rilevanti u l-istatuti ta' Portugal Telecom, ir-Repubblika Portugiża ma tistax issostni li, billi ma annettietx dawn id-dokumenti mar-rikors promotur tagħha, il-Kummissjoni bbażat ruħha biss fuq preżunzjoni mingħajr ma pprovdiet lill-Qorti tal-Ġustizzja bil-provi neċessarji għall-verifika tan-nuqqas [3].

26. Fil-fatt, anki jekk huwa minnu li l-Kummissjoni ma annettietx l-imsemmija testi mar-rikors tagħha, hija rriproduċiet il-kontenut tad-dispożizzjonijiet tat-testi leġiżlattivi rilevanti u tal-istatuti ta' Portugal Telecom kemm fid-dokumenti tal-fażi prekontenzjuża kif ukoll fir-rikors tagħha. Billi għamlet hekk, il-Kummissjoni ssodisfat biżżejjed l-obbligu tagħha li tindika d-dispożizzjonijiet li, fil-fehma tagħha, taw lok għan-nuqqas allegat.

27. Barra minn hekk, nosserva li r-Repubblika Portugiża qatt ma kkontestat l-eżistenza ta' dawn id-dispożizzjonijiet u lanqas il-fatt li jagħtu lill-Istat azzjonijiet preferenzjali mogħnija bi drittijiet speċjali, hekk kif ġie indikat mill-Kummissjoni kemm matul il-fażi prekontenzjuża kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Għall-kuntrarju, fit-tweġibiet tagħha għall-ittra ta' intimazzjoni u għall-opinjoni motivata, ir-Repubblika Portugiża kkonfermat diversi drabi li, abbażi ta' dawn it-testi, hija kienet iżżomm 500 azzjoni tal-kategorija A fil-kapital ta' Portugal Telecom u li jġibu magħhom drittijiet speċjali.

28. Fi kwalunkwe każ, anki jekk jitqies li l-Kummissjoni naqset milli twettaq obbligu impost fuqha, fil-fehma tiegħi dan bl-ebda mod ma jista' jagħti lok għall-inammissibbiltà tar-rikors, peress li tali konsegwenza hija manifestament sproporzjonata għall-ksur allegat. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà eskludiet parzjalment l-oġġezzjoni mqajma mir-Repubblika Portugiża billi, *ex officio*, ħadet miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura billi stiednet lill-partijiet fil-kawża sabiex jippreżentaw l-istatuti ta' Portugal Telecom fir-Reġistru, ħaġa li effettivament għamlu. Nosserva wkoll li, meta wieħed

3 — Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tas-6 ta' Novembru 2003, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (C-434/01, Ġabra p. I-13239, punt 21).

jaqra l-istatuti ta' Portugal Telecom jinduna li mingħajr l-iċken dubju dawn jikkonfermaw il-kontenut tad-dispożizzjonijiet rilevanti riprodotti mill-Kummissjoni fl-opinjoni motivata u fir-rikors tagħha.

29. Fir-rigward tal-allegata estensjoni tas-suġġett tal-kawża fis-sens li l-Kummissjoni bbażat ruħha fuq ilmenti addizzjonali fir-rikors tagħha, għandu jitfakkar, skont ġurisprudenza stabbilita, il-ħtieġa li s-suġġett tal-kawża, kif definit fl-opinjoni motivata, ma jiġix estiż jew mibdul, ma tistax teżiġi daqstant li timponi f'kull każ li jkun hemm koinċidenza perfetta bejn l-ilmenti esposti fl-ittra ta' intimazzjoni, id-dispożittiv tal-opinjoni motivata u t-talbiet fir-rikors [4]. Issa, il-fatt li fir-rikors tagħha l-Kummissjoni spjegat fid-dettall l-ilmenti li kienet diġà esponiet b'mod iktar ġenerali fl-ittra ta' intimazzjoni u fl-opinjoni motivata, billi semmiet oqsma addizzjonali li fihom l-Istat Portugiż għandu drittijiet speċjali f'Portugal Telecom bħala detentur tal-maġġoranza tal-azzjonijiet ta' kategorija A, fil-fehma tiegħi ma għandu ebda effett fuq il-portata tal-kawża [5].

30. B'hekk, fil-fehma tiegħi, dan ir-rikors huwa ammissibbli.

B — *Fuq il-mertu*

1. L-argumenti tal-partijiet

31. Qabel kollox il-Kummissjoni ssostni li l-fatt li r-Repubblika Portugiża għandha drittijiet speċjali msemmija iktar 'il fuq bis-saħħa tal-fatt li tinsab fil-pussess tal-maġġoranza tal-azzjonijiet ta' kategorija A f'Portugal Telecom jikkostitwixxi restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-kapital kif ukoll fuq il-libertà ta' stabbiliment. Fil-fehma tagħha, fil-fatt, dawn id-drittijiet speċjali jirrestrinġu l-possibbiltà għall-azzjonisti ordinarji li jipparteċipaw effettivament fl-amministrazzjoni kif ukoll fil-kontroll tal-kumpannija b'mod proporzjonali għall-valur tal-azzjonijiet tagħhom u barra minn hekk ineħħulhom is-setgħa li jieħdu d-deċiżjonijiet strateġiċi li fir-rigward tagħhom l-Istat għandu dritt ta' veto.

32. Barra minn hekk, l-azzjonijiet preferenzjali miżmuma mir-Repubblika Portugiża jistgħu wkoll jostakolaw l-akkwist ta' holdings ta' kontroll fl-imsemmija kumpannija, li huwa inkompatibbli mal-Artikolu 43 KE.

33. Sussegwentement il-Kummissjoni tispeċifika li l-azzjonijiet preferenzjali inkwistjoni ma jistgħux jitqiesu li għandhom natura privata għaż-żewġ raġunijiet li ġejjin. Minn naħa, għalkemm huwa paċifiku li d-drittijiet speċjali marbutin magħhom

4 — Ara s-sentenzi tad-29 ta' Settembru 1998, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-191/95, Ġabra p. I-5449, punt 56), u tal-11 ta' Lulju 2002, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-139/00, Ġabra p. I-6407, punt 19).

5 — F'dan ir-rigward, ara s-sentenza tas-27 ta' Novembru 2003, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja (C-185/00, Ġabra p. I-14189, punt 87).

huma previsti biss fl-istatuti ta' Portugal Telecom, il-ħolqien tagħhom għandu madankollu jiġi kkunsidrat fid-dawl tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi qafas dwar il-privatizzazzjonijiet kif ukoll tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 44/95 li jipprovdu li l-maġġoranza tal-imsemmija azzjonijiet preferenzjali għandha tingħata lill-Istat u għandha tibqa' l-proprjetà tal-Istat stess. Min-naħa l-oħra, l-istatuti inkwistjoni ġew adottati wara l-ewwel fażi ta' privatizzazzjoni, jiġifieri meta l-Istat kien għad għandu maġġoranza kbira f'Portugal Telecom.

34. B'hekk, skont il-Kummissjoni, il-ħolqien ta' azzjonijiet preferenzjali f'Portugal Telecom ma jirriżultax minn applikazzjoni normali tad-dritt tal-kumpanniji u jikkostitwixxi fi kwalunkwe każ miżura tal-Istat, li konsegwentement taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 56(1) KE.

35. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ssostni li l-Artikolu 295 KE ma jistax jiġġustifika l-għoti ta' azzjonijiet preferenzjali lill-Istat, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà enfasizzat diversi drabi li l-Istati Membri ma jistgħux jeċċepixxu s-sistemi tagħhom ta' proprjetà ta' beni sabiex jiġġustifikaw ostakoli għal-libertajiet previsti mit-Trattat KE, li jirriżultaw minn sistema ta' awtorizzazzjoni amministrattiva relattiva għal impriżi privatizzati [6]. Fil-fehma tal-Kummissjoni, l-għoti tad-drittijiet speċjali lill-Istat Portugiż, li jinvolvu l-possibbiltà li juża l-veto tiegħu meta jiġu adottati ċerti deċiżjonijiet relatati mal-ħajja tal-impriża ċertament jikkostitwixxi sistema ta' awtorizzazzjoni amministrattiva.

36. Fir-replika tagħha, il-Kummissjoni tikkontesta wkoll il-fatt li r-Repubblika Portugiża kkwalifikat id-dritt li jinżammu azzjonijiet mogħnija bi drittijiet speċjali bħala dritt fundamentali. Hija ssostni li għalkemm il-libertà ta' assoċjazzjoni, id-dritt ta' inizjattiva ekonomika privata u d-dritt ta' proprjetà mingħajr dubju jikkostitwixxu drittijiet fundamentali, dan ma japplikax fir-rigward tad-dritt li jinżammu azzjonijiet preferenzjali. Fir-rigward tal-allegat ksur ta' tali drittijiet fundamentali f'każ li awtorità pubblika tiġi pprojbita milli żżomm l-imsemmija azzjonijiet, il-Kummissjoni tenfasizza li, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB") u tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ipproklamata f'Nice fis-7 ta' Diċembru 2000 [7] l-eżerċizzju tad-drittijiet imsemmija iktar 'il

6 — Il-Kummissjoni tirreferi b'mod partikolari għas-sentenzi tal-4 ta' Ġunju 2002, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-367/98, Ġabra p. I-4731, punt 48); Il-Kummissjoni vs Franza (C-483/99, Ġabra p. I-4781, punt 44), u tat-13 ta' Mejju 2003, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-463/00, Ġabra p. I-4581, punti 66 u 67).

7 — ĠU C 364, p. 1

fuq jista' jiġi ssuġġettat għal restrizzjonijiet li jissodisfaw għanijiet ta' interess ġenerali.

37. Il-Kummissjoni żżid fl-aħħar lok li r-restrizzjonijiet li jirriżultaw mid-drittijiet speċjali li r-Repubblika Portugiża għandha f'Portugal Telecom ma jistgħux jiġu ġġustifikati mill-għanijiet ta' interess ġenerali invokati minn din tal-aħħar u, fi kwalunkwe każ, ma humiex konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

38. Fil-fehma tagħha, il-ħtieġa li tiżgura f'kull ħin lill-Istat id-disponibbiltà tan-netwerk tat-telekomunikazzjonijiet, li għandu rwol essenzjali b'mod partikolari f'każ ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi, ta' gwerra jew ta' terroriżmu, ma tistax tiġi kkunsidrata bħala għan leġittimu ta' interess ġenerali, peress li r-Repubblika Portugiża ma wrietx il-preżenza ta' theddida reali u gravi biżżejjed, li taffettwa interess fundamentali tas-soċjetà, fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [8].

39. Il-Kummissjoni tikkontesta wkoll l-argument tar-Repubblika Portugiża li jgħid li, peress li Portugal Telecom żammet in-netwerks tal-kejbil u tar-ram kif ukoll l-attivitajiet kollha bl-ingrossa u bl-imnut, iż-żamma ta' drittijiet speċjali f'Portugal Telecom hija ġġustifikata fid-dawl tal-għan li jiżgura ċertu livell ta' kompetizzjoni fis-suq tat-telekomunikazzjonijiet, fin-nuqqas ta' qafas leġiżlattiv nazzjonali u Komunitarju li jagħti setgħat xierqa lill-awtorità tal-kompetizzjoni Portugiża u lir-regolatur settorjali. Skont il-Kummissjoni, din l-argumentazzjoni ma hijiex aċċettabbli sa fejn tiġġustifika ksur tad-dritt Komunitarju (tal-kompetizzjoni, f'dan il-każ) bi ksur ieħor tal-istess dritt (jiġifieri r-restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu tal-kapital u l-libertà ta' stabbiliment).

40. Fir-rigward tal-ġustifikazzjoni li tgħid li l-kontestazzjoni tas-setgħat li l-Istat Portugiż għandu f'Portugal Telecom fis-sitwazzjoni attwali jagħtu lok għal riskju kunsiderevoli li jiġi sfrattat is-suq tal-kapital, il-Kummissjoni sempliċement tfakkar li skont ġurisprudenza stabbilita, motivi ta' natura ekonomika ma jistgħux iservu bħala ġustifikazzjoni għal ostakoli pprojbiti mit-Trattat [9].

41. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni żżid li l-għoti tad-drittijiet speċjali lill-Istat Portugiż jikkostitwixxi miżura li manifestament tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet li jridu jinkisbu. Fil-fatt, b'mod partikolari, id-drittijiet speċjali ma jirrigwardawx deċiżjonijiet amministrattivi speċifiċi, iżda deċiżjonijiet fundamentali fil-ħajja tal-impriża, filwaqt

8 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-13 ta' Mejju 2003, Il-Kummissjoni vs Spanja, iċċitata iktar 'il fuq (punt 72).

9 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq (punt 52).

li l-eżerċizzju tagħhom ma huwa suġġett għal ebda kundizzjoni li tirrestrinġi s-setgħa diskrezzjonali tal-awtorità tal-Istat, minbarra l-fatt li tali drittijiet għandhom jintużaw meta jeżiġuh raġunijiet ta' interess nazzjonali.

42. Ir-Repubblika Portugiża ssostni qabel kollox li d-dritt li jinżammu azzjonijiet mogħnija bi drittijiet speċjali jikkostitwixxi dritt fundamentali tal-azzjonisti u, bħala tali, prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju li l-qrati Komunitarji huma obbligati li jissalvagwardjaw, skont kif inhu previst fl-Artikolu 6 UE kif ukoll fl-Artikoli 12 u 14 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Jekk jiġi kkunsidrat illegali, hekk kif tagħmel il-Kummissjoni f'dan il-każ, is-sempliċi fatt li hija entità pubblika li għandha l-imsemmija azzjonijiet ifisser li jkunu qed jinkisru ċerti drittijiet fundamentali, jiġifieri d-dritt ta' proprjetà, id-dritt ta' assoċjazzjoni libera u d-dritt ta' inizjattiva ekonomika privata.

43. Sussegwentement, ir-Repubblika Portugiża tikkontesta l-eżistenza ta' restrizzjoni billi ssostni li l-ħolqien ta' azzjonijiet preferenzjali jirriżulta, direttament u immedjatament, mir-rieda ta' Portugal Telecom stess u, b'hekk minn applikazzjoni normali tad-dritt tal-kumpanniji.

44. Barra minn hekk hija tqis li, anki jekk jitqies li l-ħolqien tal-azzjonijiet preferenzjali inkwistjoni għandu jiġi kkunsidrat bħala imputabbli lill-Istat, hija bl-ebda mod ma tikser l-Artikoli 56 KE u 43 KE minħabba l-fatt li l-imsemmija azzjonijiet ma jkunux maħsuba li jaffettwaw il-kummerċ jew li jostakolaw il-moviment liberu tal-kapital. Fil-fatt, skont ir-Repubblika Portugiża, din tirrigwarda miżura li ma taffettwax il-modalitajiet ta' akkwist ta' holdings, iżda l-modalitajiet ta' amministrazzjoni tagħhom, li tiġi applikata b'mod mhux diskriminatorju, b'mod li japplika, b'analoġija, ir-raġunament li ntuża fil-ġurisprudenza Keck u Mithouard [10].

45. Fi kwalunkwe każ, billi bbażat l-argumentazzjoni tagħha fuq il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro ppreżentati fil-kawżi Federconsumatori *et* [11], ir-Repubblika Portugiża tqis li s-sempliċi fatt li għandha drittijiet speċjali f'Portugal Telecom ma jaffettwax b'mod negattiv il-valur ta' din il-kumpannija u, b'hekk, ma jrendix inqas attraenti l-eżerċizzju tal-moviment liberu tal-kapital mill-investituri fi Stati Membri oħra, b'mod partikolari minħabba l-fatt li l-Istat Portugiż s'issa qatt ma għamel użu mid-dritt tiegħu ta' veto.

10 — Sentenza tal-24 ta' Novembru 2003 (C-267/91 u C-268/91, Ġabra p. I-6097).

11 — Punt 25 tal-imsemmija konklużjonijiet (sentenza tas-6 ta' Diċembru 2007, C-463/04 u C-464/04, Ġabra p. I-10419).

46. Fl-aħħar lok, ir-Repubblika Portugiża tikkunsidra li anki jekk jitqies li d-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-istatuti ta' Portugal Telecom huma imputabbli lill-Istat u li teżisti restrizzjoni fuq il-libertajiet fundamentali ta' moviment tal-kapital kif ukoll ta' stabbiliment, dawn l-ostakoli huma ġġustifikati minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali.

47. L-ewwel nett, il-fatt li Portugal Telecom hija proprjetarja tal-infrastrutturi l-kbar ta' trasport u ta' diffużjoni tat-telekomunikazzjonijiet irendi neċessarja ż-żamma tad-drittijiet speċjali mill-Istat b'mod li dan tal-aħħar jista' jissalvagwardja s-servizzi ta' telekomunikazzjonijiet f'każ ta' kriżi, gwerra, terroriżmu, perikli naturali kif ukoll theddidiet ġodda oħra. F'dan ir-rigward, ir-Repubblika Portugiża tikkontesta l-mod li bih il-Kummissjoni interpretat is-sentenza tat-13 ta' Mejju 2003, Il-Kummissjoni vs Spanja [12], billi sostniet li l-Qorti tal-Ġustizzja ma riditx tissuġġetta r-rikonoxximent tal-eżistenza ta' raġuni ta' sigurtà pubblika għall-kundizzjoni li tingħata prova ta' theddida reali u gravi biżżejjed, li taffettwa interess fundamentali tas-soċjetà.

48. It-tieni nett, ir-Repubblika Portugiża tinvoka bħala ġustifikazzjoni l-ħtieġa li jiġi żgurat servizz universali ta' telekomunikazzjonijiet. Fil-fatt, l-imsemmi servizz universali ta' telekomunikazzjonijiet jaqa' taħt is-servizzi li għandhom ikunu disponibbli, u li għandhom ikunu ta' kwalità stabbilita, għall-utenti finali kollha fit-territorju tagħha, ikun fejn ikun il-post fejn jinsabu, u bi prezz aċċessibbli. Peress li l-operatur li għandu jipprovdi dan is-servizz huwa Portugal Telecom, l-eżistenza tar-riskju kunsiderevoli li s-servizz universali jiġi kompromess li kieku kellu jiddependi biss mir-rieda tal-azzjonisti privati tiġġustifika li l-Istat iżomm possibbiltà li jintervjeni fil-kumpannija kkonċernata permezz taż-żamma ta' drittijiet speċjali.

49. It-tielet nett, skont ir-Repubblika Portugiża, id-drittijiet speċjali mogħtija lill-Istat huma neċessarji u proporzjonati għall-għanijiet li għandhom l-intenzjoni li jilħqu. Fil-fehma tagħha, id-drittijiet speċjali li ngħatawlha ma humiex differenti minn sistema ta' oppożizzjoni *a posteriori*, jiġifieri minn setgħa li tneħħi kull effett minn deċiżjoni meħuda mil-laqgħa ġenerali ordinarja fil-każijiet imsemmija fl-istatuti ta' Portugal Telecom. Barra minn hekk, dawn id-drittijiet huma limitati għal sitwazzjonijiet partikolari u definiti minn qabel. B'hekk, din hija sistema li hija paragunabbli għal dik li kienet is-suġġett tal-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Belġju [13], sistema li ġiet iddikjarata kompatibbli mat-Trattat mill-Qorti tal-Ġustizzja.

12 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq (punti 71 sa 73).

13 — Sentenza tal-4 ta' Ġunju 2002, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-503/99, Ġabra p. I-4809).

## 2. Kunsiderazzjonijiet

### a) Fuq l-eżistenza tar-restrizzjonijiet taħt l-Artikolu 56 KE

50. Għal darb'oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja qed titratta l-kwistjoni tal-kompatibbiltà mad-dritt Komunitarju ta' sistema legali li tagħti lill-Istat, wara proċess ta' privatizzazzjoni, azzjonijiet ta' kumpannija mogħnija bi drittijiet speċjali ("golden shares") li jippermettu li jeżerċita influwenza kunsiderevoli fuq l-attività tal-kumpannija kkonċernata [14].

51. Tali leġiżlazzjonijiet nazzjonali dejjem ġew ikkunsidrati mill-Qorti tal-Ġustizzja fid-dawl tal-moviment liberu tal-kapital, li l-ksur tiegħu jagħti lok, b'mod anċillari, għal ksur tal-libertà ta' stabbiliment.

52. Qabel kollox, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-Artikolu 56(1) KE jipprojbixxi b'mod ġenerali r-restrizzjonijiet fuq il-moviment tal-kapital bejn l-Istati Membri [15].

53. Għalkemm it-Trattat ma jiddefinixxix il-kunċett ta' moviment tal-kapital, l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 88/361/KEE, tal-24 ta' Ġunju 1988, għall-implementazzjoni tal-Artikolu 67 tat-Trattat (artikolu mħassar mit-Trattat ta' Amsterdam) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 10, Vol. 1, p. 10), jinkludi madankollu lista indikattiva ta' tranżazzjonijiet ikkunsidrati bħala moviment ta' kapital [16]. B'hekk, b'mod partikolari, l-investimenti fil-forma ta' holdings li jagħtu l-possibbiltà li min iżommhom jipparteċipa effettivament fl-amministrazzjoni u l-kontroll tal-impriża (investimenti diretti) kif ukoll l-akkwist ta' titoli fis-suq tal-kapital magħmul bl-unika intenzjoni li jsir investiment finanzjarju mingħajr l-intenzjoni li tiġi eżerċitata influwenza fuq l-amministrazzjoni u l-kontroll tal-impriża (portafoll ta' investimenti) jikkostitwixxu moviment tal-kapital fis-sens tal-Artikolu 56(1) KE [17].

54. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li l-leġiżlazzjonijiet nazzjonali li jistgħu jimpedixxu jew jillimitaw l-akkwist

14 — Għandu jiġi osservat li, għal dak li jikkonċerna r-Repubblika Portugiża, żewġ rikorsi oħra għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu tal-istess natura huma pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (Kawżi Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, C-543/08, fir-rigward tal-azzjonijiet speċifiċi tal-Istat miżmuma fil-kumpannija Energias de Portugal, u Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, C-212/09, għal dak li jikkonċerna l-azzjonijiet speċifiċi miżmuma mill-Istat f'GALP Energia SGPS SA).

15 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-4 ta' Ġunju 2002, Il-Kummissjoni vs Franza, iċċitata iktar 'il fuq (punti 35 u 40); tat-13 ta' Mejju 2003, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (C-98/01, Ġabra p. I-4641, punti 38 u 43), kif ukoll tat-28 ta' Settembru 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (C-282/04 u C-283/04, Ġabra p. I-9141, punt 18).

16 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq (punt 37), u tat-23 ta' Ottubru 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-112/05, Ġabra p. I-8995, punt 18).

17 — Ara s-sentenza tas-16 ta' Marzu 1999, Trummer u Mayer (C-222/97, Ġabra p. I-1661, punt 21), is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Il-Kummissjoni vs Franza (punti 36 u 37); tat-13 ta' Mejju 2003, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (punti 39 u 40), u Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (punt 19).

ta' azzjonijiet fl-impriżi kkonċernati u jiskoraġixxu lill-investituri ta' Stati Membri oħra milli jagħmlu l-investimenti tagħhom fil-kapital ta' dawn l-impriżi għandhom jiġu kkunsidrati bħala "restrizzjonijiet" fis-sens tal-Artikolu 56(1) KE [18].

55. Ir-Repubblika Portugiża tikkontesta qabel kollox l-eżistenza ta' restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-kapital billi ssostni li l-ħolqien tal-azzjonijiet inkwistjoni jirriżulta, direttament u immedjatament, mir-rieda ta' Portugal Telecom stess u, b'hekk, minn applikazzjoni normali tad-dritt tal-kumpanniji. Fi kliem ieħor, il-ħolqien tal-azzjonijiet preferenzjali inkwistjoni ma huwiex imputabbli lir-Repubbblika Portugiża u għaldaqstant ma jikkostitwixxix miżura tal-Istat fis-sens tal-Artikolu 56 KE.

56. Din l-argumentazzjoni ma tikkonvinċini b'ebda mod.

57. Huwa minnu li la l-liġi qafas dwar il-privatizzazzjonijiet u lanqas it-testi leġiżlattivi l-oħra li jirregolaw il-fażijiet differenti tal-privatizzazzjoni ta' Portugal Telecom ma jimponu l-għoti lill-Istat tal-maġġoranza tal-azzjonijiet preferenzjali fi ħdan l-imsemmija kumpannija. Id-Digriet Leġiżlattiv Nru 44/95, li jimplementa l-ewwel fażi ta' privatizzazzjoni, jipprovdi biss li, jekk l-istatuti jipprovdu għall-eżistenza ta' azzjonijiet mogħnija bi drittijiet speċjali, il-maġġoranza tagħhom għandhom jinżammu mill-Istat jew minn entitajiet pubbliċi oħra. Huma l-istatuti ta' Portugal Telecom li jistabbilixxu b'mod espliċitu l-preżenza ta' azzjonijiet preferenzjali fil-kapital azzjonarju tal-imsemmija kumpannija, fis-sens tal-Artikolu 24 tal-kodiċi tal-kumpanniji kummerċjali.

58. Madankollu, huwa paċifiku li d-dispożizzjonijiet tal-istatuti ta' Portugal Telecom li jagħtu l-maġġoranza tal-azzjonijiet preferenzjali lill-Istat Portugiż ġew introdotti immedjatament wara l-adozzjoni tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 44/95, fl-4 ta' April 1995, jiġifieri fi żmien meta l-Istat kien jeżerċita kontroll b'maġġoranza fl-impriża, fejn waqt is-seduta r-Repubblika Portugiża kkonfermat li f'dak iż-żmien, l-Istat kien iżomm 54.2 % tal-kapital azzjonarju ta' Portugal Telecom.

59. B'hekk, filwaqt li huwa l-Istat li kien qed jaġixxi fil-kapaċità tiegħu ta' leġiżlatur li awtorizza l-ħolqien tal-azzjonijiet preferenzjali fi ħdan Portugal Telecom, huwa l-Istat li kien qed jaġixxi fil-kapaċità tiegħu bħala azzjonista b'maġġoranza ta' din il-kumpannija li effettivament introduċihom billi emenda l-istatuti ta' Portugal Telecom, b'mod konformi mal-possibbiltà li ngħatatlu

18 — Ara s-sentenzi Il-Kummissjoni vs Franza, iċċitata iktar 'il fuq (punt 41); tat-13 ta' Mejju 2003, Il-Kummissjoni vs Spanja, iċċitata iktar 'il fuq (punt 61); tat-2 ta' Ġunju 2005, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-174/04, Ġabra p. I-4933, punti 30 u 31), kif ukoll tal-14 ta' Frar 2008, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-274/06, punt 20).

mil-liġi qafas dwar il-privatizzazzjonijiet u d-Digriet Leġiżlattiv Nru 44/95 [19].

60. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidhirli li huwa possibbli li jiġi sostnut li l-ħolqien ta' azzjonijiet preferenzjali jista' jiġi imputat biss lir-rieda ta' Portugal Telecom.

61. Li kieku kellu jiġi aċċettat argument differenti, dan iwassal sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jevitaw l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 56 KE, għall-unika raġuni li ma huwiex l-"Istat leġiżlatur" iżda l-"Istat azzjonista" li ħoloq l-azzjonijiet preferenzjali, wara l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Istat leġiżlatur! Huwa ċar li permezz ta' dan it-tip ta' raġunament, jiġi kompromess b'mod kunsiderevoli l-effett utli tal-projbizzjoni prevista mill-Artikolu 56(1) KE.

62. Fir-rigward tal-parti tal-argumentazzjoni esposta mir-Repubblika Portugiża relatata mal-fatt li l-ħolqien tal-azzjonijiet preferenzjali huwa biss ir-riżultat ta' applikazzjoni normali tad-dritt tal-kumpanniji, nosserva li dawn l-azzjonijiet huma intiżi sabiex jibqgħu l-proprjetà tal-Istat, skont l-Artikolu 15(3) tal-liġi qafas dwar il-privatizzazzjonijiet, b'deroga mill-Artikolu 4 tal-kodiċi tal-kumpanniji kummerċjali li jipprovdi, fil-fatt, li, fil-kumpanniji b'responsabbiltà limitata, id-drittijiet speċjali jistgħu jingħataw biss lil kategoriji ta' azzjonijiet u jiġu ttrasferiti magħhom [20].

63. B'hekk, kif esponiet b'mod rilevanti l-Kummissjoni fir-replika tagħha, mingħajr ma ġiet ikkontestata fuq dan il-punt mir-Repubblika Portugiża, dawn huma statuti ispirati mill-forom kuntrattwali tad-dritt privat, li fuqu l-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha influwenza qawwija li ġejja mid-dritt komuni, b'mod partikolari l-projbizzjoni fuq il-moviment liberu tal-azzjonijiet preferenzjali.

64. Barra minn hekk, ma jikkonvinċinix l-argument tar-Repubblika Portugiża bbażat fuq l-allegata rilevanza tad-distinzjoni bejn azzjonijiet preferenzjali maħluqa fil-kuntest tal-applikazzjoni normali tad-dritt nazzjonali tal-kumpanniji u azzjonijiet preferenzjali ta' oriġini pubblika.

19 — Il-kwistjoni interessanti dwar jekk, fin-nuqqas tal-adozzjoni tal-istatuti ta' Portugal Telecom, jistax jiġi kkonstatat nuqqas ta' twettiq ta' obbligi li jinsiltu mid-dritt Komunitarju, tikkostitwixxi ipoteżi kompletament teoretika peress li, f'dan il-każ, l-istatuti tal-imsemmija kumpannija effettivament ġew emendati immedjatament wara l-adozzjoni tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 44/95 fis-sens indikat mil-leġiżlatur u mill-awtoritajiet leġiżlattivi Portugiżi, fejn waqt is-seduta l-Kummissjoni kkonfermat li n-nuqqas allegat kien jirrigwarda l-leġiżlazzjoni Portugiża rilevanti kollha, inkluż ir-riferiment li tagħmel għall-istatuti ta' Portugal Telecom.

20 — Għandu jingħad ukoll li l-Artikolu 328(2) tal-kodiċi tal-kumpanniji kummerċjali jawtorizza klawżoli eċċezzjonali li jeskludu t-trasferibbiltà tal-azzjonijiet, jiġifieri l-klawżoli ta' kunsens tal-kumpannija, dawk relatati mad-drittijiet preferenzjali tal-azzjonisti l-oħra u dawk li jissuġġettaw it-trasferiment għal ċerti kundizzjonijiet. Huwa paċifiku li d-deroga prevista mil-liġi qafas dwar il-privatizzazzjonijiet ma taqa' taħt ebda waħda mill-kategoriji msemmija iktar 'il fuq.

65. Fil-fatt, anki jekk jitqies li l-oriġini ta' dawn l-azzjonijiet tinsab fid-dritt privat, il-ħolqien tagħhom huwa wkoll imputabbli lir-Repubblika Portugiża. Fil-fehma tiegħi ma hemmx dubju li l-Istati Membri, fil-kapaċità tagħhom bħala firmatarji tat-Trattat, għandhom josservaw ir-regoli relatati mal-libertajiet fundamentali ta' moviment indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk humiex qed jaġixxu fil-kapaċità tagħhom bħala awtoritajiet pubbliċi jew bħala entitajiet ta' dritt privat. Li jiġi sostnut argument differenti jfisser li l-Istati Membri jingħataw il-mezzi li jevitaw l-imsemmija regoli, peress li, fil-kapaċità tagħhom bħala leġiżlaturi, jistgħu jbiddlu mingħajr ebda diffikultà d-dritt privat nazzjonali billi, pereżempju, jimponu fuq il-kumpanniji li fihom għandhom holding sabiex fl-istatuti tagħhom jinkludu dispożizzjonijiet li jagħtuhom ċerti drittijiet speċifiċi [21].

66. B'hekk il-ħolqien tal-azzjonijiet preferenzjali inkwistjoni huwa mingħajr ebda dubju imputabbli lir-Repubblika Portugiża.

67. Fir-rigward tan-natura restrittiva tal-leġiżlazzjoni Portugiża, inkluż ir-riferiment li tagħmel għall-istatuti ta' Portugal Telecom, għandu jiġi kkonstatat li l-azzjonijiet preferenzjali li hija tagħti lill-Istat jippermettulu jeżerċita influwenza li tmur kunsiderevolment lil hinn mill-valur effettiv tal-azzjonijiet li għandu. Permezz ta' dawn l-azzjonijiet, fil-fatt, mhux biss numru kbir ta' deċiżjonijiet ta' natura amministrattiva li jikkonċernaw l-istruttura tal-impriża kif ukoll tal-aspetti kunsiderevoli tal-attivitajiet tagħha għandhom jiġu approvati minn qabel mill-Istat Portugiż, iżda wkoll, hekk kif jirriżulta mil-lista li tinsab fil-punt 6 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-akkwist innifsu ta' holdings fil-kapital azzjonarju ta' Portugal Telecom huwa suġġett, f'ċerti każijiet, għal tali approvazzjoni minn qabel. Il-leġiżlazzjoni Portugiża tistabbilixxi tassew sistema ta' awtorizzazzjoni amministrattiva minn qabel għall-adozzjoni ta' ċerti deċiżjonijiet ta' natura amministrattiva u ta' akkwist ta' holdings f'Portugal Telecom, hekk kif issejħilha ġustament il-Kummissjoni.

68. Indipendentement mill-fatt li r-Repubblika Portugiża qatt ma għamlet użu mis-setgħat speċjali li jirriżultaw mill-pussess tal-maġġoranza tal-azzjonijiet preferenzjali fil-kapital azzjonarju ta' Portugal Telecom, iċ-ċirkustanza li l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet ta' tali importanza tista' tiġi suġġetta għal awtorizzazzjoni minn qabel tal-Istat, fil-fatt, tista' biss tiskoraġġixxi lill-operaturi ta' Stati Membri oħra milli jagħmlu investimenti diretti f'Portugal Telecom, billi, f'tali ċirkustanzi, ma jistgħux jipparteċipaw fl-amministrazzjoni u fil-kontroll tagħha b'mod proporzjonat għall-valur tal-azzjonijiet tagħhom [22].

21 — Ara wkoll, f'dan is-sens, il-punti 22 u 23 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-kawża lil tat lok għas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, iċċitata iktar 'il fuq.

22 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, iċċitata iktar 'il fuq (punt 27).

69. Bl-istess mod, l-għoti ta' dawn id-drittijiet speċjali lill-Istat irendi wkoll inqas attraenti l-portafoll ta' investimenti sa fejn jista' jonqos il-valur fil-Borża tal-azzjonijiet ta' kull azzjonista privat wara li l-Istat ikun eżerċita d-dritt tiegħu ta' veto kontra deċiżjoni li tissodisfa l-interessi ta' Portugal Telecom.

70. Ma jidhirlix li dawn il-kunsiderazzjonijiet jistgħu jiġu invalidati mill-argumenti l-oħrajn esposti mir-Repubblika Portugiża.

71. Qabel kollox, ma hija xejn konvinċenti l-oġġezzjoni li tgħid li l-Artikolu 295 KE jagħti d-dritt lil Stat Membru li jżomm azzjonijiet preferenzjali bħal dawk inkwistjoni f'din il-kawża.

72. F'dan ir-rigward, għandu jiġi sempliċement ikkonstatat li, hekk kif fakkret ġustament il-Kummissjoni [23], il-preokkupazzjonijiet li jistgħu, skont iċ-ċirkustanzi, jiġġustifikaw li l-Istati Membri jżommu ċerta influwenza fl-impriżi inizjalment pubbliċi u sussegwentement privatizzati, meta dawn l-impriżi jaġixxu fl-oqsma tas-servizzi ta' interess ġenerali jew strateġiċi, ma jistgħux jiġu sopravalutati; fi kwalunkwe każ, dawn ma jistgħux jippermettu li l-Istati Membri jeċċepixxu s-sistemi tagħhom ta' proprjetà ta' beni, kif imsemmija fl-Artikolu 295 KE, sabiex jiġġustifikaw ostakoli għal-libertajiet previsti mit-Trattat, li jirriżultaw minn sistema ta' awtorizzazzjoni amministrattiva relatata mal-impriżi privatizzati. Fil-fatt, huwa paċifiku li l-imsemmi artikolu ma għandux bħala effett li s-sistemi ta' proprjetà eżistenti fl-Istati Membri jevitaw ir-regoli fundamentali tat-Trattat [24].

73. Sussegwentement, lanqas ma huwa konvinċenti l-argument magħmul mir-Repubblika Portugiża li jgħid li għal dan il-każ il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tapplika r-raġunament li ntuża fis-sentenza Keck u Mithouard, iċċitata iktar 'il fuq.

74. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, fir-rigward ta' dan il-każ inkwistjoni, dan ir-raġunament iwassal, skont ir-Repubblika Portugiża, għall-konklużjoni li l-ebda ksur tal-moviment liberu tal-kapital ma huwa possibbli fid-dawl tal-fatt li dawn huma modalitajiet, mhux diskriminatorji, ta' amministrazzjoni ta' dawn il-holdings u mhux modalitajiet ta' akkwist tal-istess holdings.

75. Issa, minn naħa, dan l-argument fil-fatt ma huwiex validu peress li huwa paċifiku li, fost id-deċiżjonijiet suġġetti għal approvazzjoni minn qabel tal-Istat, hemm *l-akkwist* ta' numru ta' azzjonijiet ordinarji li jaqbżu l-limitu ta' 10 % tal-kapital azzjonarju ta' Portugal Telecom minn azzjonisti li jeżerċitaw attività li tikkompeti ma' dawk eżerċitati minn kumpanniji kkontrollati minn

23 — Ara l-punt 35 ta' dawn il-konklużjonijiet.

24 — Ara, f'dan is-sens, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq (punti 47 u 48 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

Portugal Telecom. B'hekk, in-nuqqas allegat kontra r-Repubblika Portugiża ma jiġix eliminat kompletament.

76. Min-naħa l-oħra, u fi kwalunkwe każ, jidhirli li l-influwenza eżerċitata mir-Repubblika Portugiża bis-saħħa tal-azzjonijiet preferenzjali fuq deċiżjonijiet amministrattivi ta' Portugal Telecom, bħal dawk inkwistjoni f'din il-kawża, ukoll tista' tkun tali li tiddisswadi lill-investituri stabbiliti fi Stati Membri oħrajn milli jakkwistaw holdings fl-imsemmija kumpannija. Wara kollox huwa dan l-approċċ li ġie adottat mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiċħad l-argument tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi fil-kawża li tat lok għas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, fis-sens li ebda restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-kapital ma setgħet teżisti minħabba l-fatt li l-azzjonijiet speċifiċi miżmumin mill-Istat Olandiż kellhom influwenza biss fuq id-deċiżjonijiet ta' amministrazzjoni tal-impriżi tal-posta u tat-telekomunikazzjonijiet ikkonċernati f'din il-kawża [25].

77. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-kwistjoni dwar l-allegata natura ta' dritt fundamentali li għandha ż-żamma ta' drittijiet speċjali, allegata mir-Repubblika Portugiża, huwa importanti li jitfakkar li d-drittijiet fundamentali jiffurmaw parti integrali mill-prinċipji ġenerali tad-dritt li l-osservanza tagħhom hija żgurata mill-Qorti tal-Ġustizzja billi tispira ruħha, f'dan ir-rigward, mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri u l-istrumenti internazzjonali dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem li l-Istati Membri kkooperaw fihom jew aderew magħhom, b'mod partikolari l-KEDB [26]. Issa, nosserva li r-Repubblika Portugiża f'ebda ħin matul dawn il-proċeduri ma eċċepiet li l-allegat dritt li jinżammu drittijiet speċjali f'impriża privatizzata jaqa' taħt it-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri jew jinsab imqar fi strument internazzjonali wieħed biss dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.

78. Fid-dawl tal-osservazzjonijiet magħmula iktar 'il fuq, inqis li l-għoti lill-Istat tal-maġġoranza tal-azzjonijiet preferenzjali inkwistjoni jikkostitwixxi, bħala regola, restrizzjoni fis-sens tal-Artikolu 56(1) KE.

b) Fuq eventwali ġustifikazzjoni tar-restrizzjonijiet

79. Hija ġurisprudenza stabbilita li l-moviment liberu tal-kapital jista' jiġi

25 — Ara s-sentenza ċċitata iktar 'il fuq (punti 16 u 24).

26 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2006, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-540/03, Ġabra p. I-5769, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

limitat minn miżuri nazzjonali ġġustifikati mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 58 KE jew minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, sakemm ma tkunx teżisti miżura Komunitarja ta' armonizzazzjoni li tipprovdi miżuri meħtieġa sabiex tiżgura l-protezzjoni ta' dawn l-interessi [27].

80. Fin-nuqqas ta' tali armonizzazzjoni Komunitarja, huwa l-kompitu ta' kull Stat Membru li jistabbilixxi l-livell sa fejn beħsiebu jiżgura l-protezzjoni ta' dawn l-interessi leġittimi kif ukoll il-mod kif dan il-livell għandu jintlaħaq, filwaqt li jiġi osservat it-Trattat u, b'mod partikolari, il-prinċipju ta' proporzjonalità, li jipprovdi li l-miżuri adottati għandhom ikunu xierqa sabiex jiggarantixxu t-twettiq tal-għan li jridu jilħqu u ma għandhomx imorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan [28].

81. Ir-Repubblika Portugiża tqis li f'dan il-każ jeżistu diversi għanijiet ta' interess ġenerali li jiġġustifikaw ir-restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu tal-kapital, jiġifieri raġunijiet ta' sigurtà pubblika, il-ħtieġa li tiżgura l-provvista tas-servizz universali ta' telekomunikazzjonijiet, il-ħtieġa li tiżgura ċertu livell ta' kompetizzjoni fis-suq tat-telekomunikazzjonijiet kif ukoll il-ħtieġa li tevita li s-suq tal-kapital jiġi eventwalment sfrattat.

82. Fir-rigward tal-aħħar żewġ raġunijiet ta' ġustifikazzjoni invokati mir-Repubblika Portugiża, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex għalfejn tikkunsidrahom fit-tul, peress li dawn lanqas ma jikkostitwixxu, fil-fehma tiegħi, għanijiet leġittmi ta' interess ġenerali li jistgħu jiġġustifikaw restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu tal-kapital.

83. Fil-fatt, fl-ewwel lok, fir-rigward tar-riskju li jisfratta s-suq tal-kapital, dan jaqa' taħt raġunijiet ta' natura ekonomika li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, ma jistgħux iservu bħala ġustifikazzjoni għar-restrizzjonijiet ipprojbiti mit-Trattat [29].

84. Fit-tieni lok, fir-rigward tal-għan li jikkonsisti f'li jiżgura ċertu livell ta' kompetizzjoni fis-suq Portugiż tat-telekomunikazzjonijiet — li, skont ir-Repubblika Portugiża, ma huwiex perfettament kompetittiv minħabba li Portugal Telecom żammet il-proprjetà tan-netwerks tal-kejbil u tar-ram kif ukoll l-attivitajiet kollha bl-ingrossa u bl-imnut –, għandu jiġi osservat li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-interess li tissaħħaħ b'mod ġenerali l-istruttura kompetittiva ta' suq partikolari lanqas ma jista' jikkostitwixxi

27 — Ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (punt 49) u tal-14 ta' Frar 2008, Il-Kummissjoni vs Spanja (punt 35).

28 — Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-14 ta' Marzu 2000, Église de scientologie (C-54/99, Ġabra p. I-1335, punt 18), kif ukoll is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (punt 45); Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (punt 49) u tal-14 ta' Frar 2008, Il-Kummissjoni vs Spanja (punt 36).

29 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq (punt 52).

ġustifikazzjoni valida għar-restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu tal-kapital [30].

85. Fi kwalunkwe każ, l-allegazzjoni li tgħid li l-pussess ta' azzjonijiet preferenzjali mogħnija bi drittijiet speċjali f'Portugal Telecom huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-imsemmi għan, għandha tiġi miċħuda peress li huwa biżżejjed, fil-fehma tiegħi, li r-Repubblika Portugiża tagħti s-setgħat neċessarji lill-awtoritajiet regolatorji kompetenti [31]. F'dan ir-rigward, ir-Repubblika Portugiża baqgħet ma spjegatx ir-raġunijiet għalfejn mhux possibbli l-għoti ta' tali kompetenzi.

86. Fir-rigward taż-żewġ raġunijiet ta' ġustifikazzjoni validi, ibbażati rispettivament fuq il-ħtieġa tal-protezzjoni tas-sigurtà pubblika u fuq il-ħtieġa li tiġi ggarantita l-provvista tas-servizz universali ta' telekomunikazzjonijiet, l-għoti ta' azzjonijiet preferenzjali lill-Istat fil-kapital azzjonarju ta' Portugal Telecom ma jidhirlix li huwa neċessarju jew proporzjonat għal ebda wieħed minn dawn l-għanijiet.

87. Fir-rigward tal-ewwel ġustifikazzjoni msemmija, għalkemm huwa paċifiku li Portugal Telecom hija proprjetarja tal-infrastrutturi l-kbar ta' telekomunikazzjonijiet li għandhom rwol esssenzjali f'każ ta' kriżi, ta' gwerra jew ta' katastrofi marbuta mal-perikli naturali, xorta jibqa' l-fatt li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-ħtiġijiet tas-sigurtà pubblika, bħala deroga mill-prinċipju tal-moviment liberu tal-kapital, għandhom jiġu interpretati b'mod restrittiv, b'mod li jistgħu jiġu invokati biss f'każ ta' theddida reali u gravi biżżejjed, li taffettwa interess fundamentali tas-soċjetà [32]. B'mod partikolari, il-Gvern Portugiż bl-ebda mod ma wera li l-proċedura ta' awtorizzazzjoni amministrattiva minn qabel li tirriżulta mill-pussess ta' azzjonijiet preferenzjali fil-kapital azzjonarju ta' Portugal Telecom hija attivata biss f'każ ta' theddida "reali u gravi biżżejjed" li taffettwa interess fundamentali tas-soċjetà.

88. Fir-rigward tal-ħtieġa li tiġi ggarantita l-provvista tas-servizz universali tat-telekomunikazzjonijiet, il-pussess, mir-Repubblika Portugiża, tal-azzjonijiet preferenzjali mogħnija bi drittijiet speċjali fi ħdan Portugal Telecom ma jistax jiġi kkunsidrat bħala miżura neċessarja sabiex jintlaħaq tali għan. Fil-fatt, fil-fehma tiegħi, is-sistemi ta' kumpens tal-ispejjeż ikkawżati mis-servizz universali tat-telekomunikazzjonijiet implementat f'kull Stat Membru, skont id-dritt Komunitarju

30 — Ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (punt 52); Il-Kummissjoni vs L-Italja (punt 37) u Il-Kummissjoni vs Spanja (C-274/06, punt 44).

31 — Barra minn hekk, fir-rigward tal-oġġezzjoni mqajma mir-Repubblika Portugiża li tgħid li l-kuntest leġiżlattiv intern ma jagħtix setgħat xierqa lil din l-awtorità biex jintlaħaq l-imsemmi għan, se nirreferi sempliċement għal ġurisprudenza stabbilita li tgħid li Stat Membru ma jistax jeċċepixxi dispożizzjonijiet, prattiki jew sitwazzjonijiet tas-sistema legali interna tiegħu sabiex jiġġustifika n-nuqqas ta' osservanza ta' obbligi li jirriżultaw mid-dritt Komunitarju: ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-20 ta' Novembru 2008, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-94/08, punt 21), u tal-4 ta' Ġunju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-568/07, Ġabra p. I-9021, punt 50).

32 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq tat-13 ta' Mejju 2003, Il-Kummissjoni vs Spanja (punt 72) u tal-14 ta' Frar 2008, Il-Kummissjoni vs Spanja (punt 39).

sekondarju[33], jistgħu jiżguraw b'mod effikaċi biżżejjed is-servizz universali li f'dan il-każ għandha tipprovdi Portugal Telecom. Barra minn hekk, ir-Repubblika Portugiża ma tistax issostni b'mod validu u koerenti li l-azzjonijiet preferenzjali huma intiżi sabiex jevitaw li tali servizz universali jkun esklużivament f'idejn l-azzjonisti privati, meta kien kompletament fuq bażi volontarja li dan l-Istat Membru ddeċieda li jipprivatizza lil Portugal Telecom għal kollox.

89. Għall-finijiet ta' kompletezza, inqis li s-sistema inkwistjoni stabbilita mir-Repubblika Portugiża tmur manifestament lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet allegatament imfittxija.

90. B'mod partikolari, għandha tiġi miċħuda l-allegazzjoni tar-Repubblika Portugiża li ssostni li d-drittijiet speċjali li hija għandha huma analogi għad-drittijiet speċjali mogħtija lir-Renju tal-Belġju li kienu s-suġġett tal-kawża li tat lok għas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, iċċitata iktar 'il fuq, u li l-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat kompatibbli mal-Artikolu 56 KE.

91. Fil-fatt, f'din il-kawża msemmija, l-azzjonijiet speċifiċi miżmuma mir-Renju tal-Belġju fil-kumpanniji SNCT u Distrigaz kienu jagħtuha dritt ta' *oppożizzjoni a posteriori* li seta' jiġi eżerċitat fir-rigward ta' deċiżjonijiet amministrattivi elenkati b'mod dettaljat, iżda biss fis-sitwazzjoni fejn l-għanijiet tal-politika nazzjonali kienu kompromessi. Barra minn hekk, l-eżerċizzju tad-dritt ta' oppożizzjoni kellu jkun motivat formalment u suġġett għal stħarriġ ġudizzjarju effettiv[34].

92. Min-naħa l-oħra, f'din il-kawża, kif diġà indikajt, hija involuta sistema ta' awtorizzazzjoni amministrattiva minn qabel. Barra minn hekk, din l-awtorizzazzjoni minn qabel ma tirrigwardax deċiżjonijiet limitati ta' amministrazzjoni, iżda numru kbir ta' deċiżjonijiet fundamentali fil-ħajja tal-kumpannija, inkluż l-akkwist, f'ċerti każijiet, ta' holdings f'ammont ikbar mil-limitu ta' 10 % tal-kapital azzjonarju ta' Portugal Telecom. Bl-istess mod, l-eżerċizzju tal-imsemmija setgħat mill-Istat huwa suġġett f'dan il-każ biss għall-kundizzjoni li "raġunijiet ta' interess nazzjonali jeżiġu dan"[35]. Barra minn hekk, għalkemm rimedju ġudizzjarju kontra d-dritt ta' veto li jiġi eżerċitat mill-Istat huwa possibbli, it-testi leġiżlattivi rilevanti ma jagħtux lill-qorti nazzjonali kriterji preċiżi biżżejjed sabiex tkun tista' tistħarreġ b'mod

33 — Ara, f'dan ir-rigward, id-Direttiva tal-Kummissjoni 96/19/KE, tat-13 ta' Marzu 1996, li temenda d-Direttiva 90/388/KEE, fir-rigward tal-kisba ta' kompetizzjoni sħiħa fis-suq tat-telekomunikazzjonijiet (ĠU L 74, p. 13) kif ukoll id-Direttiva 2002/22/KE, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kap. 13 Vol. 29 p. 367-393).

34 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, iċċitata iktar 'il fuq (punti 49 sa 52).

35 — Ara l-Artikolu 15(3) tal-liġi qafas dwar il-privatizzazzjonijiet.

effettiv l-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tal-Istat.

93. B'hekk, inqis li f'dan il-każ ir-Repubblika Portugiża ma tistax tinvoka l-applikazzjoni b'analoġija tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, iċċitata iktar 'il fuq.

94. Minn dan isegwi li r-Repubblika Portugiża ma ppreżentatx provi ta' natura li juru li l-għanijiet li hija invokat sabiex tipprova tiġġustifika l-introduzzjoni tas-sistema ta' awtorizzazzjoni amministrattiva minn qabel involuta f'din il-kawża ma setgħux jintlaħqu permezz ta' miżuri inqas restrittivi, bħal, b'mod partikolari, sistema ta' dikjarazzjoni *a posteriori* [36].

95. Fid-dawl ta' dak li ntqal, għandu jiġi konkluż li l-leġiżlazzjoni nazzjonali (inkluż ir-riferiment li tagħmel għall-istatuti ta' Portugal Telecom) li tagħti lir-Repubblika Portugiża azzjonijiet preferenzjali mogħnija bi drittijiet speċjali fl-impriża pprivatizzata Portugal Telecom tikkostitwixxi restrizzjoni fuq il-moviment tal-kapital fis-sens tal-Artikolu 56 KE.

c) Fuq l-eżistenza ta' restrizzjonijiet taħt l-Artikolu 43 KE

96. Il-Kummissjoni ssostni li l-għoti lill-Istat Portugiż tal-imsemmija azzjonijiet f'Portugal Telecom iwassal ukoll għal ksur tal-Artikolu 43 KE.

97. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, sa fejn il-leġiżlazzjoni inkwistjoni tinvolvi restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' stabbiliment, tali restrizzjonijiet jikkostitwixxu l-konsegwenza diretta tal-ostakoli għall-moviment liberu tal-kapital, li ma jistgħux jiġu sseparati minnhom [37]. B'hekk, ma hemmx għalfejn tiġi analizzata s-sistema inkwistjoni fid-dawl tar-regoli tat-Trattat relatati mal-libertà ta' stabbiliment.

36 — Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-fatt, li sistema ta' dikjarazzjoni *a posteriori* hija, b'mod ġenerali, miżura inqas restrittiva għall-eżerċizzju tal-moviment liberu tal-kapital sakemm din tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi, nondiskriminatorji u magħrufa minn qabel mill-impriżi kkonċernati u sakemm kull persuna affettwata minn miżura restrittiva ta' dan it-tip ikollha dritt għal rimedju: ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq (punt 50); tat-13 ta' Mejju 2003, Il-Kummissjoni vs Spanja, iċċitata iktar 'il fuq (punt 69), u tas-17 ta' Lulju 2008, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-207/07, punt 48).

37 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, iċċitata iktar 'il fuq (punt 59); tat-23 ta' Mejju 2000, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-58/99, Ġabra p. I-3811, punt 20); tat-13 ta' Mejju 2003, Il-Kummissjoni vs Spanja, iċċitata iktar 'il fuq (punt 86), u Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, iċċitata iktar 'il fuq (punt 43).

## VII — Konklużjoni

98. Għal dawn il-motivi, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tikkonstata li, billi żammet f'Portugal Telecom SGPS SA drittijiet speċjali favur l-Istat u entitajiet pubbliċi oħra, mogħtija flimkien ma' azzjonijiet preferenzjali tal-Istat f'Portugal Telecom SGPS SA, ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 56 KE, u

— tikkundanna lir-Repubblika Portugiża għall-ispejjeż.